



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Mejju 2019
(OR. en, fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0070(COD)

9427/19
ADD 1

CODEC 1108
ENV 494
ENT 137
COMPET 414
IND 178
SAN 255
CONSOM 170
MI 454
CHIMIE 82

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-pollutanti organiċi persistenti (riformulazzjoni) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tisħaq li, minkejja d-dritt tal-koleġislaturi li jagħżlu l-proċedura leġislattiva ordinarja minflok l-atti delegati, l-użu tal-proċedura leġislattiva ordinarja biex jiġu emendati l-Annessi IV u V jista' jikkomprometti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma u li jinnegozjaw il-limiti ta' konċentrazzjoni għall-iskart tal-POPs fil-Konvenzjoni ta' Basel, fid-dawl tal-iskeda taż-żmien u l-proċeduri li japplikaw.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tinnota li peress li d-definizzjoni ta' "artikolu" fir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar il-POPs tirreferi direttament għad-definizzjoni ta' "oġġett" fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), il-Kummissjoni tinterpreta dan it-terminu bl-istess mod kif jiġi interpretat fir-REACH, inkluż kwalunkwe kjarifika pprovduta mill-ġurisprudenza rilevanti. Se titħejja gwida mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, bi qbil mal-Kummissjoni, sabiex tiġi kkonfermata din l-interpretazzjoni tat-terminu "artikolu" fir-Regolament dwar il-POPs, f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti, mal-ewwel opportunità wara d-dħul fis-seħħ tar-riformulazzjoni tar-Regolament dwar il-POPs.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tniedi mingħajr dewmien rieżami tal-valur ta' limitu għall-PBDEs fl-Anness IV tar-Regolament dwar il-POPs, filwaqt li tqis l-evidenza xjentifika u teknika disponibbli, bl-oġġettiv li tipproponi valur ta' limitu iktar baxx li jinkludi kunsiderazzjoni ta' valur ta' limitu possibbli ta' 500 ppm.

Dikjarazzjoni konġunta minn Franza u l-Iżvezja

Franza u l-Iżvezja jilqgħu b'sodisfazzjon ir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar sustanzi organiċi persistenti, li jimplementa l-impenji tal-Unjoni Ewropea skont il-Konvenzjoni internazzjonali ta' Stokkolma filwaqt li tikkonforma mat-Trattat ta' Lisbona.

Aħna napprezzaw il-ħidma li saret mill-Presidenza Awstrijaka u dik Rumena. Nixtiequ wkoll niringrazzjaw lill-MPE li kellhom il-kompitu li jaħdmu fuq ir-riformulazzjoni matul it-tmien mandat tal-Parlament Ewropew. Niringrazzjaw ukoll lill-Kummissjoni Ewropea talli pprovdiet elementi tekniċi biex jiġu stabbiliti l-valuri ta' limitu fl-annessi.

Franza u l-Iżvezja jenfasizzaw ir-rabta tagħhom mal-premessa li tfakkar fit-tħassib serju tal-Unjoni dwar ir-rilaxx kontinwu ta' sustanzi organiċi persistenti ("POPs") fl-ambjent, peress li dawn is-sustanzi kimiċi jimxu bejn il-konfini internazzjonali, 'il bogħod mis-sorsi tagħhom, u jippersistu fl-ambjent, jakkumulaw bijoloġikament permezz tas-sistema alimentari, u b'hekk huma ta' theddida għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

Għaldaqstant ninsabu mħassbin li r-Regolament għandu jikkostitwixxi qafas legali komuni li fi ħdanu jittieħdu miżuri mfassla, b'mod partikolari, biex jeliminaw il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' POPs, kif enfasizzat fil-premessi.

F'dak ir-rigward, intennu li l-kompitu fdat lill-Kummissjoni Ewropea mill-adozzjoni ta' din ir-riformulazzjoni, jiġifieri l-adozzjoni, sa mhux aktar tard mill-2021, ta' valur ta' limitu rivedut għall-poliBDEs, għandu jibda mill-aktar fis possibbli. Il-kondiviżjoni tal-esperjenza dwar l-aħjar Prattiki Tekniċi u organizzattivi ser tkun parti essenzjali mill-kompitu tal-Kummissjoni. L-"aħjar tekniki disponibbli" li ġew adottati dan l-aħħar (BREF dwar it-trattament tal-iskart ta' Awwissu 2018) u dawk li bħalissa qed issir hídma fuqhom (BREF dwar it-trattament tal-iskart permezz tal-inċinerazzjoni, li ġie skedat għall-adozzjoni fis-17 ta' Ġunju 2019) jistgħu jiffaċilitaw l-ilħuq rapidu ta' dak l-oġettiv.